# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-17 ta' Frar, 2016**

**Rikors Numru 986/2015**

***Memo International Limited***
**(C – 23974)**

**vs.**

***Tuerler Uhren & Juwelen Zurich AG***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat sistemi ta' sigurta` prodotti minnha lis-socjeta` intimata;

1.2. Illi l-istess prodotti hekk mibjugha u kkonsenjati kienu dejjem muniti b'fatturi kontenenti deskrizzjoni tal-oggetti involuti, inkluz l-informazzjoni relattiva, oltre l-prezz relattiv;

1.3. Illi f'kaz ta' konflitt il-gurisdizzjoni kienet indikata li kienet f'Malta;

1.4. Illi s-socjeta` intimata effettwat diversi hlasijiet lis-socjeta` rikorrenti skont it-termini u kundizzjonijiet inkluzi fl-istess fatturi;

1.5. Illi s-socjeta` intimata ghad ghandha taghti l-ammont ta' sittax il-elf erba` mija u hamsa u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu, (€16,445.61), lis-socjeta` rikorrenti ghall-prodotti u ghas-ervizzi fuq riferiti, (ara foll 4 *et sequitur*);

1.6. Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont riferit fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti €16,445.61 ghall-prodotti suppliti lilha;

1.7.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.7.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-debita notifika tas-socjeta` intimata kemm bir-rikors guramentat promotur kif ukoll bl-avviz relattiv ghas-smiegh tal-istess, (ara foll 14);

3. Tirrileva li l-istess socjeta` intimata baqghet f'stat ta' kontumacja;

4.0. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` intimata jirrkonforma bil-gurament tieghu:

    4.1. Kemm l-ammont li s-socjeta` intimata ghad ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti kif fuq gia` indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

    4.2. Kif ukoll ir-ragunijiet ghall-istess talba ghall-hlas;

5. Tirrileva li ghalkemm is-socjeta` intimata inghatat l-opportunita` taghmel is-sottomissjonijiet taghha *ai termini* ta' l-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta din baqghet inadempjenti;

6.0. Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandiex alternattiva hlief li tirrileva li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, in vista tal-premess:

**DECIDE:**

    6.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €16,445.61 ghall-prodotti u servizzi minnha lilha suppliti;

    6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont hekk indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-gurnata li fiha gew konsenjati l-prodotti sal-gurnata tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata;

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**